**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 24 ta' Frar, 2021**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 723/2018**

**Emanuel Micallef**

**vs**

**Clint Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-10 ta' Lulju, 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent, li kien jiggestixxi negozju ta' "cab & mini bus service" ma' diversi kumpaniji, lahaq ftiehim mal-intimat biex jghaddielu l-istess negozju bix-xoghol ta' trasport li kellu ma' Foster Clark Products Limited, Coop Services Limited, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta, u tal-Qawra Palace Hotel, u dana ghall-prezz miftiehem ta' mija u hamsa u tmenin elf euro (€185,000).

2. Illi ghal dan l-iskop f'Lulju 2016 l-esponent ghadda lill-intimat il-pusses tal-mini buses b'numru ta' registrazzjoni HMY-237, CVY-011, u CVY-013, u l-intimat beda jahdem l-imsemmi xoghol tat-trasport, u fl-istess zmien jghaddi pagamenti lill-esponent in akkont tal-prezz miftiehem.

3. Illi fuq dan in-negozju l-esponent ircieva minghand l-intimat, sal-1 ta' Marzu 2018, is-somma ta' wiehed u tletin elf, u tlieta u tietin ewro, u tlieta u hamsin centezmu (€31,033.53c) in akkont u dana kif jidher mill-istatement hawn unit u markat Dok.. "A".

4. Illi fit-18 ta' Marzu 2018 l-intimat irritorna lill-esponent il-vetturi fuq imsemmija f'kundizzjoni hazina hafna tant li gew dikjarati "beyond economical repair" u kellhom jigu skrappjati.

5. Illi l-intimat baqgha u ghadu sallum ghaddej bix-xoghol tat-trasport li kien tah l-esponent, izda waqaf ihallas lill-esponent, bil-bilanc dovut minnu jammonta ghal mija u tlieta u hamsin elf, disa' mija u sitta u sittin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€153,966.47c).

6. Illi fuq l-imsemmija vetturi l-esponent sab ukoll dovuta diversi multi ghall-kontravenzjonijiet mhux imhallsa u li l-intimat wehel meta kien isuq l-istess vetturi, u fil-fatt fuq il-vettura HMY-237 kien hemm multi u "administration fees" fl-ammont ta' mija u disgha u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€149.59), fuq il-vettura CVY-011 kien hemm mitejn u wiehed u tletin ewro u tletin centezmu (€231.30c), u fuq il-vettura b'numru CVY-013 kien hemm seba' mija u sebgha u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€767.44c), b'kollox elf, mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,148.33c) li l-esponent kellu jhallas ghalihom hu.

7. Illi l-esponent interpella inutilment lill-konvenut u ghalhekk kellha issir dina l-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundannah ihallas lill-esponent is-somma ta' €153,966.47c, jew dik is-somma l-ohra verjuri, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ghall-prezz ta' negozju ta' "cab & mini bus service" fuq imsemmi li ghaddhielu l-esponent.

2. Tikkundannah ukoll ihallas lill-esponent is-somma ta' €1,148.33c rapprezentanti multi u "administration fees" li l-intimat wehel ghal diversi kontravenzjonijiet li huwa ghamel meta kien isuq il-vetturi fuq imsemmija u li hallas ghalihom l-esponent.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors kontra l-intimat minn issa ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut waqa' kontumaci;

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Emanuel Micallef xehed li kellu negozju ta' 'mini cab service'. Kellu diversi klijenti u kien jahdem bi tlett mini buses numru CVY013, CVY011 u HMY237. Il-konvenut Clint Zammit kien jahdem mieghu bhala driver. Fil-2016 meta hu beda jghejja, il-konvenut kien xtaq jixtri dan in-negozju minghandu. Innegozjaw prezz u kellhom imorru ghand in-Nutar Sammut biex jirredigu kuntratt bejniethom. Hu kien ghadda dawn il-vetturi lill-konvenut biex jibda jahdem bihom. Il-konvenut kellu lavranti mieghu. Beda ighaddilu pagamenti ta' €2,000 fix-xahar kif kienu ftehmu. L-ewwel pagament sar fit-12 ta' Awwissu 2016 (Dok. A a fol. 4). In-Nutar kellu jabbozza l-ftehim (Dok. B a fol. 113) u kellhom imorru ghand in-Nutar izda l-konvenut kien ikun imhabbat bix-xoghol u ma marrux. Il-konvenut kien ihallas regolarment fix-xahar u jaf li l-konvenut kien

xtara xi mini buses ohra. F'Jannar 2018 meta l-konvenut kien gja hallas €27,500 akkont, il-konvenut kien talbu biex inaqqas il-pagamenti mensili u talbu biex jibda jhallas €1,875 fix-xahar minflok u kien accetta. Fil-fatt fi Frar 2018 kien hallas dana l-ammont. Minhabba f'hekk ried jiehu lill-konvenut ghand in-Nutar biex jirrangaw l-iskrittura (Dok. C a fol. 115). Il-konvenut pero ma riedx jiffirma u minflok hallielu t-tlett vanijiet wara l-bieb tieghu. Il-vetturi kienu fi stat dizastruz u ghalhekk qabbad surveyor biex jiccertifikahom bhala beyond economic repair u fil-fatt kellu jiskrappjahom. Il-konvenut pero baqa jahdem bix-xoghol ta' trasport li hu kien ghaddielu. Fuq il-vetturi sab li kien hemm citazzjonijiet li kellhom jithallsu meta l-vetturi kienu f'idejn il-konvenut (ara Dok. G, H u I a fol. 121 sa 123). Ipprova jirranga bonarjament mal-konvenut izda ghal xejn. Kellu johrog mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut li gie milqugh mill-Qorti (Dok. J a fol. 124).

Joseph Micallef xehed li xi 15/16 il-sena ilu kien biegh lil Emanuel Micallef il-mini-bus Toyota Hilux CVY011 imma minhabba traskuragni m'ghamlux it-transfer. Xi sentejn ilu imbaghad Emanuel Micallef kien qallu li kien ser jiggaraxxja l-pjanci ta' dan il-mini bus u jisskrappah. Hu kien iffirma l-karti (fol. 220) u Emanuel Micallef hallas il-multi li kien hemm fuqu.

Philip Attard xehed li jahdem bhala motor surveyor u kkonferma Dok. D, E u F a fol 118 sa 120 fejn iccertifika dawn il-vetturi bhala li huma beyond economic repair minhabba l-hsarat li kien fihom.

In-Nutar Mark Anthony Sammut xehed li kien imqabbad mill-attur jirredigi zewg skritturi dwar trasferiment ta' negozju. Ikkonferma Dok. B u C (fol. 113 u 115) li hu kien abbozza. Dawn mhumiex iffirmati. Kien informa lil Zammit bl-appuntament imma dana ma kienx gie.

Stephanie Bonavia xehdet li kien hemm bdil tal-invoicing minn Emanuel Micallef ghal Clint Zammit f'Gunju jew Lulju 2016. Zammit baqa' jithallas sa Awwissu 2018.

Jason Azzopardi financial controller mal-Qawra Palace, xehed li fil-bidu is-servizz tal-cab u mini-bus tal-klijenti taghhom kien isir minn Blue Bird Garage imbaghad ghadda ghand Jaguar Garage u damu minn Lulju 2008 sa Lulju 2016. Warajh dahal Clint Zammit. Illum is-servizz qed isir minn Carol Garage.

Josephine Busutill, ghal Foster Clark, xehdet li huma dejjem kien jahdmu b'Jaguar Garage ghal trasport tal-haddiema taghhom. L-invoices kienu johorgu fuq Emanuel Micallef u l-ahhar wahda harget f'Mejju 2016. F'Gunju 2016 l-invoice harget fuq isem Clint Zammit imma thallset lil Emanuel Micallef, imbaghad minn Lulju 2016 `il quddiem l-invoice harget fuq Clint Zammit u thallas hu u baqghu sejrin hekk sa Lulju 2018. Imbaghad f'Awwissu 2018 bdew b'haddiehor (ara Dok. JB1 a fol. 209).

Joseph Barbuto, manager COOP Services Ltd, xehed li HMY237 kien membru tal-kooperativa. L-ahhar cekkijiet fuq in-numru 237 kienu fuq Emanuel Micallef u xi tlett snin ilu qalulhom li x-xoghol bit-tlett vanijiet kien inxtara minn Clint Zammit. Huma ma kinux komplew bi Clint Zammit ghax ma kienx membru.

Anthony Bonello Segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Rabat, xehed li huma kellhom bhala supplier lil Jaguar Garage (Dok. AB1 a fol 161 sa 200) li kien beda fil-2009 imbaghad kien dahal Clint Zammit (Dok. AB2 a fol. 201) u wara kienu waqqfuh. Brian Farrugia rapprezentant tat-Transport Authority xehed l-vettura CVY013 hu van Mitsubishi registrat fuq isem Emanuel Micallef mill-2011. Illum hu ggaraxxjat. Il-licenzja thallset l-ahhar fil-2018 (Dok. BF1 a fol. 152 ). Thallsu fuq dan il-van €757.44 bhala citazzjonijiet u €10 bhala administration charge biex wiehed jiggaraxxja l-vettura (ara fol. 123).

Il-Vettura CVY011 Toyota van Hiace, hi registrata fuq Joseph Micallef mill-2002. Il-van gie garaxxjat fil-2018. Thallsu €221.30 bhala citazzjonijiet u €10 adminstration fee (ara fol. 122 u Dok. BF2 a fol. 154).

Dwar Vettura HMY237 din ir-registration imxiet minn vettura ghal ohra u fil-prezent HMY237 hu Ford Transit li hu wkoll registrat fuq isem Emanuel Micallef u ilu hekk mill-1998. Jekk hu l-istess van dan gie ggaraxxjat fl-2018 (ara Dok. BF3 a fol. 156). Fuq dan l-van thallsu €139.59 citazzjonijiet u €10 administration fee (Dok. a fol. 121). Conrad Baldacchino ikkonferma li kien iddistrugga l-vetturi in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-konvenut f'dina l-kawza baqa' kontumaci u ghalkemmipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu, dina t-talba giet michuda.

Fl-ewwel lok ghandu jigi rrilevat li ghalkemm il-konvenut hu kontumaci, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. Illi l-istitut tal-kontumacja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni tal-abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut (**Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro**, Kost 24/11/1934, Kollez. Vol. XXIX, Pt. III, pg. 35). Ladarba l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, l-attur xorta ghandu jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom (**Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian u Jeffrey J. Mizzi noe**, App 27/03/1996).

Illi ghalhekk din l-Qorti trid tezamina jekk it-talba tal-attur hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. L-attur xorta ghandu jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom.

Ghalkemm l-eccezzjonijiet li kien ipprezenta l-konvenut kienu gew sfilzati, (ara fol. 26) fil-mandat ta' inibizzjoni li l-attur hareg kontra l-konvenut, u li kopja tieghu qeghda fl-atti ta' din l-kawza, il-konvenut kien wiegeb li hu qatt m'akkwista negozju minghand l-attur, izda l-ftehim kien semplicement wiehed ta' kiri ta' vetturi versu hlas ta' €2,000 fix-xahar. Hu kien irritorna l-vetturi lill-attur meta dan riedu jiffirma ftehim li hu ma kienx jaqbel mieghu.

Fil-kaz in ezami, mill-provi jirrizulta li mhemmx kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, izda biss abbozz ta' kuntratt li l-konvenut irrifjuta li jiffirma.

Ghahekk din il-Qorti trid tiddeciedi jekk effetivament sarx it-trasferiment tan-negozju lill-konvenut, irrispettivament mill-fatt li mhemmx kuntratt iffirmat.

L-attur isostni li fil-kaz in ezami kien hemm kuntratt verbali illi sar bejn l-attur u l-konvenut li jorbot u jirregola din il-kwistjoni. Isemmi li jezistu l-erba rekwiziti li hemm imsemmija fl-artikolu 966 tal-Kap. 16 u li mhux wiehed mill-kuntratti li jehtieg att pubbliku kif jipprovdi l-artikolu 1233.

L-attur qed jippretendi li l-partijiet fil-2016 kienu ftehmu fuq prezz ghat-trasferiment tan-negozju tal-attur ghal fuq il-konvenut bil-prezz ta' €185,000. Kellu jigi ffirmat kuntratt izda, skond l-attur, dan ma giex iffirmat, billi l-konvenut kien ikun imhabbat. Fil-frattemp pero, l-attur kien ghadda l-vetturi biex il-konvenut jibda jahdem bihom. Sal-1 ta' Marzu 2018 l-konvenut kien lahaq hallas akkont €31,033.53. Meta l-attur kien accetta li l-konvenut jaghmel pagamenti anqas minn €2,000 fix-xahar kif kien qed jaghmel il-konvenut, l-attur insista mal-konvenut biex jiffirma l-kuntratt izda l-konvenut irrifjuta u minflok dan irritorna l-vetturi lura lill-attur. Skont l-attur l-vetturi kienu fi stat dizatruz u l-attur skrappjahom u biex ghamel hekk kellu ihallas ic-citazzjonijiet li kien hemm pendenti fuq il-vetturi u administration fees. Il-bilanc li qed jitlob l-attur huwa ta' €153,966.47 u spejjez fuq citazzjonijiet u drittijiet fl-ammont ta' €1,148.33.

Effettivament il-kawza tal-attur hija dwar cessjoni ta' negozju ta' "cab & mini bus service" ma' diversi kumpanniji ghal xoghol ta' transport fosthom Foster Clark Products Limited, Coop Services Limited, il-Kunsill lokali tar-Rabat Malta, u tal-Qawra Palace Hotel, u dan ghall-prezz ta' mija u hamsa u tmenin elf euro (€185,000). L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €153,966.47c, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ghan-negozju li ghaddielu.

Illi l-artikolu 1469 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> Ic-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà taghhom tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni.

1470. (1) Ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub.

Inoltre l-artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li:

> Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validità tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita.

Fil-kaz in ezami c-cessjoni tan-negozju tal-attur lill-konvenut kellu jkun bil-miktub u ghalkemm kien gie abbozat ftehim bil-miktub dan baqa ma giex kompletat u ffirmat mill-partijiet.

Illi fis-sentenza **Joseph Attard vs Mario Attard** (App 16/12/2019) fejn il-partijiet kienu jissoggettaw il-kuntratt ghall-firem ta' zewgt ahwa u n-nisa taghhom, il-Qorti qalet hekk dwar il-validita tal-ftehim:

> Dan jinghad b'aktar enfasi meta wiehed jikkonsidra li kif inghad mill-ewwel Qorti, ghalkemm dan kien kuntratt li ghalih ma kinitx mehtiega l-firma tan-nisa, peress li kien jitratta beni parafernali, huma ghazlu li jissoggettaw il-kuntratt ghall-firem ta' zewgt ahwa u n-nisa taghhom. Ladarba saret tali ghazla u hemm nieqsa l-firma ta' wahda mill-komparenti fuq l-imsemmi abbozz ta' kuntratt, dan l-att ma jistax jittiehed bhala prova tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti fil-kawza kif jippretendu l-konvenuti appellanti.

Illi fil-kaz in ezami l-kontendenti ukoll kienu issoggettaw il-ftehim ghal wiehed bil-miktub, kif wara kollox tirrikjedi l-ligi, ghalhekk l-abbozz li pprezenta l-attur ma jistax jittiehed bhala prova kontra l-konvenut, konsegwentement it-talbiet tieghu ma jistghux jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur